# LA MADONNA DELLA NEVE — ETNA

*Ta'* WALLACE PH. GULIA

*"Alma Dei Mater Nive Candidior*
*Filios Tuere Siculos"*

O Madonna minn tal-bjuda
u tas-silġ ta' ġol-muntanji,
itlob Int għalina 'l Ibnek
ċkejken, ħlejju, ġewwa ħdanek;
o Madonna tal-muntanji
itlob biss!

Minn hawn fuq is-sura tagħna
hekk imnikkta, hekk ħosbiena,
hemm imġarrfa qalb it-tajn,
tgħaddi kollha quddiem harstek
safja w siekta
u taraha tad-dnub il-ħsara
u taraha tad-dnub il-ħrara
o Madonna tal-muntanji
itlob biss!

O Madonna minn tal-bjuda
iktar safja minn tal-Etna
għajjenin u fqar u ħżiena
ġejna hawnhekk nittallbu l-ħniena;
o Madonna tal-muntanji
itlob biss!